

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Kumpens](#) > [Jekk It-talba Tiegħi Se Titqies F'dan Il-pajjiż](#) > [Austria](#)

Jekk it-talba tiegħi se titqies f'dan il-pajjiż

Il-kontenut ipprovdut minn
Awstrija



Awstrija

Għal liema tip ta' reat nista' nikseb kumpens?

Skont l-Att dwar il-Vittmi ta' Reat (*Verbrechensopfergesetz, VOG*), BGBl. Nru 288/1972, kumpens jingħata lill-individwi meta jkun probabbli li jkunu ġarrbu ħsara fuq il-persuna tagħhom jew dannu għal saħħithom minħabba att illegali u intenzjonat li jgħorr sentenza ta' aktar minn sitt xhur priġunerija fid-data li fiha tittieħed id-deċiżjoni.

Għal liema tip ta' dannu nista' nikseb kumpens?

Għal att illegali u intenzjonat li jgħorr sentenza ta' aktar minn sitt xhur priġunerija li jirriżulta fi ħsara fuq il-persuna jew f'dannu għas-saħħa.

Nista' nikseb kumpens jekk jien qarib/a jew dipendenti ta' vittma li mietet bħala riżultat ta' reat? Liema qraba jew dipendenti jistgħu jiksbu kumpens?

Iva. Membri tal-familja li kienu dipendenti tal-persuna deċeduta skont id-dritt ċivili (ulied, konjuġi) huma eliġibbli għal kumpens.

Nista' nikseb kumpens jekk jien qarib/a jew dipendenti ta' vittma li baqgħet ħajja? Liema qraba jew dipendenti jistgħu jingħataw kumpens f'dan il-każ?

Iva, jekk il-vittma korriet serjament. Ir-reat irid ikun ikkawża xokk lill-membru tal-familja (wild, ġenitur, konjuġi, aħwa) li jirriżulta f'diffikultajiet psikoloġiċi b'sinifikat kliniku.

Nista' ningħata kumpens jekk m'iniex ċittadin ta' pajjiż tal-UE?

Iva. Ir-reat irid ikun twettaq fl-Awstrija wara t-30 ta' Ġunju 2005. Normalment ir-rikorrenti li jkunu resident legali fil-mument tar-reat.

Nista' nitlob kumpens mingħand dan il-pajjiż jekk noqgħod hawn jew jiena minn hawn (dan hu l-pajjiż ta' residenza jew ta' nazzjonalità tiegħi) anki jekk ir-reat ikun sar f'pajjiż ieħor tal-UE? Nista' nagħmel dan minflok ma nitlob kumpens fil-pajjiż fejn sar ir-reat? Jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?

Skont l-Att dwar il-Vittmi ta' Reat, fil-prinċipju anki ċ-ċittadini tal-Awstrija u tal-UE (jekk il-post tar-residenza abitwali tagħhom kien fl-Awstrija qabel ir-reat) huma intitolati għal kumpens għal danni li jseħħu barra l-pajjiż.

Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, kumpens għandu jitħallas mill-awtorità kompetenti tal-

Istat Membru li fit-territorju tiegħu twettaq ir-reat.

Għandi nkun irrapportajt ir-reat lill-pulizija qabel ikun nista' nitlob kumpens?

Il-vittma u d-dipendenti superstiti jridu jassistu fl-investigazzjoni fir-reat u fit-tiftix għall-awtur, inkella kwalunkwe talba għal kumpens tista' tiġi miċħuda.

Irrid nistenna l-eżitu ta' kwalunkwe investigazzjoni tal-pulizija jew proċeduri kriminali qabel ma nkun nista' nagħmel it-talba?

Le

Għandi l-ewwel infittex kumpens mit-trasgressur - jekk dan ikun ġie identifikat?

Le

Jekk it-trasgressur ma jkunx ġie identifikat jew ikkundannat, xorta nikkwalifika għall-kumpens? Jekk iva, liema evidenza rrid nippreżenta biex insostni t-talba tiegħi?

It-trasgressur m'għandux bżonn ikun ġie identifikat jew ikkundannat. Biżżejjed jekk ikun probabbli li seħħ reat.

Hemm terminu preskrittiv li matulu rrid nitlob kumpens?

Ħafna mit-talbiet iridu jsiru fi żmien tliet snin mit-twettiq tar-reat biex tiġi riċevuta assistenza retroattiva. Jekk it-talba tiġi ppreżentata aktar tard, l-assistenza tiħallas mix-xahar ta' wara t-talba.

X'tip ta' telf u ta' spejjeż hu kopert mill-kumpens?

Hi possibbli l-assistenza li ġejja:

1. Kumpens għat-telf ta' qligħ jew ta' manteniment;

2. Kura terapewtika

(a) assistenza medika,

(b) mediċina,

(c) għajnuniet mediċi,

(d) kura istituzzjonali,

(e) trattament dentali,

(f) miżuri għat-titjib tas-saħħa (Taqsim 155 tal-Att Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali (*Allgemeines Sozialversicherungsgesetz*), BGBl. Nru 189/1955);

2a. Il-kopertura tal-ispiża ta' interventi ta' kriżi minn psikologi u minn psikoterapisti kliniċi u tas-saħħa;

3. Kura ortopedika

(a) l-installazzjoni ta' proteżi, ta' apparati ortopediċi u oħrajn, it-tiswija u s-sostituzzjoni ta' dawn,

(b) rimborż għall-ispejjeż tal-modifika tal-oġġetti ta' kuljum u l-installazzjoni ta' kmamar tal-banju għall-persuni b'diżabilità,

(c) għotjiet biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' modifika ta' vetturi multi-track għal sewwieq b'diżabilità,

(d) għajnuna għax-xiri ta' vetturi multi-track,

(e) kwalunkwe spiża tal-ivvjaġġar u tat-trasport imġarrba;

4. Riabilitazzjoni medika

- (a) akkomodazzjoni f'istituzzjonijiet mediċi li primarjament jiffokaw fuq ir-riabilitazzjoni,
- (b) assistenza medika, mediċina u għajnuniet mediċi jekk dawn ikunu meħtieġa b'rabta diretta jew b'konnessjoni ma' (a),
- (c) kwalunkwe spiża tal-ivvjaġġar u tat-trasport imġarrba;

5. Riabilitazzjoni professjonali

- (a) taħriġ okkupazzjonali biex terġa' tinkiseb jew tittejjeb is-saħħa għax-xogħol,
- (b) taħriġ għal okkupazzjoni ġdida,
- (c) għotjiet jew self (Taqsim 198(3) tal-Att Ġenerali dwar is-Sigurtà Soċjali, (*Allgemeines Sozialversicherungsgesetz, ASVG 1955*));

6. Riabilitazzjoni soċjali

- (a) għotja biex tkopri l-ispiża tal-kisba ta' liċenzja tas-sewqan jekk id-diżabilità tal-persuna tisser li ma jkunx raġonevoli li din tkun mistennija tuża t-trasport pubbliku,
- (b) allowance tranżitorja (Taqsim 306, ASVG 1955);

7. Allowances għall-kura, allowances għal nies għomja;

8. Rimborż ta' spejjeż tal-funerali;

9. Benefiċċji addizzjonali soġġetti għal test tal-mezzi;

10. Kumpens b'somma f'daqqa għall-uġiġħ u għat-tbatija.

Il-kumpens jitħallas f'pagament uniku jew f'pagamenti akkont fix-xahar?

Dan ivarja.

Hemm pagamenti akkont fix-xahar (kumpens għat-telf ta' qligħ / ta' manteniment; benefiċċji addizzjonali b'test tal-mezzi; allowance għall-kura u allowance għall-persuni għomja) u pagamenti uniki (bħar-rimborż ta' spejjeż tal-funeral, kumpens b'somma f'daqqa għall-uġiġħ u għat-tbatija).

B'liema mod l-imġiba tiegħi fir-rigward tar-reat, il-fedina penali tiegħi jew in-nuqqas ta' kooperazzjoni tiegħi matul il-proċedimenti għal kumpens jaffettwaw il-possibbiltà tiegħi li ningħata kumpens, u/jew l-ammont li ningħata?

L-Att dwar il-Vittmi ta' Reat jispjega r-raġunijiet li għalihom kumpens jista' jiġi rifjutat (pereż. imġiba negliġenti gravi, involviment fi ġlieda).

B'liema mod is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħi tista' taffettwa l-possibbiltà tiegħi li nirċievi kumpens u / jew l-ammont?

Għal ħafna mit-tipi ta' assistenza, is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħek tkun irrilevanti. It-telf ta' qligħ u ta' manteniment jitkejjel skont il-kriterji tad-dritt ċivili u ma jkunx soġġett għal test tal-mezzi.

Hemm xi kriterji oħra li jistgħu jaffettwaw il-possibbiltà tiegħi li nirċievi kumpens u / jew l-ammont?

Le

Kif se jiġi kkalkolat il-kumpens?

Fuq il-bażi ta' każ b'każ. Kumpens kurrenti għal telf ta' qligħ u ta' manteniment jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-kriterji tad-dritt ċivili.

Hemm ammont minimu / massimu li jista' jingħata?

Ma hemm l-ebda ammont minimu għal kumpens.

Hemm limiti tal-introjtu jew ammonti fissi għal tipi speċifiċi ta' assistenza.

Fil-formola tat-talba jiena mistenni(ja) nikkwota l-ammont? Jekk iva, ningħata struzzjonijiet dwar kif nikkalkolah jew dwar aspetti oħra?

Le. Hu f'idejn l-awtorità inkwistjoni li tiddetermina l-ammont; madankollu, il-vittma trid tikkoopera fil-proċedimenti u tipprovdi l-informazzjoni mitluba.

Jekk nirċievi xi kumpens ieħor għat-telfa tiegħi minn sorsi oħra (bħal skema ta' assigurazzjoni privata jew waħda mħallsa mill-impjegatur tiegħi) dan jitnaqqas mill-kumpens imħallas mill-awtorità/korp?

Il-benefiċċji tal-istat (bħall-benefiċċju tal-qgħad) u l-benefiċċji tas-sigurtà soċjali (pensjonijiet ta' diżabilità, eċċ.) jittieħdu f'kunsiderazzjoni u jnaqqsu l-kumpens għat-telf ta' qligħ skont l-Att dwar il-Vittmi ta' Reat.

Nista' nirċievi ħlas bil-quddiem tal-kumpens? Jekk iva, taħt liema kundizzjonijiet?

Iva. Jekk ikun hemm ħtieġa urġenti għal assistenza finanzjarja. Irid ikun probabbli li t-talba tkun fondata kif xieraq.

Nista' ningħata kumpens komplimentari jew addizzjonali (wara tibdil fiċ-ċirkostanzi jew jekk saħħti tmur għall-agħar eċċ.) wara d-deċiżjoni ewlenija?

Iva

Liema dokumenti ta' sostenn għandi bżonn ninkludi mat-talba tiegħi?

Normalment iridu jiġu pprovduti d-dokumenti li ġejjin mat-talbiet għal assistenza:

- prokura/prova ta' awtorizzazzjoni jew relazzjoni mal-vittma
- ċertifikat tal-mewt tal-vittma
- kopja tar-rapport tal-pulizija
- kopja tas-sentenza / tad-deċiżjoni tal-qorti
- rapporti u ċertifikati mediċi
- kontijiet tal-isptar
- kontijiet għal spejjeż oħra (kura, funeral)
- introjtu (salarju, pagamenti ta' protezzjoni/assistenza soċjali, allowances)
- konferma ta' kontribuzzjoni (jew le) minn sorsi oħra (sigurtà soċjali, assigurazzjoni privata)
- estratt riċenti mir-rekord ġudizzjarju tar-rikorrent

Id-dokumenti jintalbu mill-awtorità stess ukoll.

Hemm xi spejjeż amministrattivi jew spejjeż oħrajn li jridu jitħallsu mal-wasla tat-talba u meta din tiġi proċessata?

Le.

Liema awtorità tiddeċiedi dwar talbiet għal kumpens (f'każijiet nazzjonali)?

L-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Soċjali u għan-Nies b'Diżabilitajiet, il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali (Bundesamt für Soziales und Behindertenwesen - Sozialministeriumservice).
Babenbergerstraße 5, A-1010 Vienna

Tel.: 0043 158831
FAKS: 0043(0)10599882516

posta elettronika: post.wien@sozialministeriumservice.at

Fejn għandi nibgħat it-talba (f'każijiet nazzjonali)?

Lill-Uffiċċju Federali għall-Affarijiet Soċjali u għan-Nies b'Diżabilitajiet, il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali (Bundesamt für Soziales und Behindertenwesen - Sozialministeriumservice).
Babenbergerstraße 5, A-1010 Vienna

Tel.: 0043 158831
FAKS: 0043(0)10599882516

posta elettronika: post.wien@sozialministeriumservice.at

Għandi bżonn inkun preżenti waqt il-proċedura u/jew meta tkun qed tiġi deċiża t-talba tiegħi?

Int tista' tkun meħtieġ(a) tiġi involut(a) fil-proċedura (għall-valutazzjoni minn espert, biex twieġeb mistoqsijiet, eċċ.) iżda mill-bqija ġeneralment ma jkollokx bżonn tkun preżenti.

Kemm tiegħu żmien (bejn wiegħed u iegħor) biex l-awtorità tiddeċiedi dwar talba għal kumpens?

Jiddependi mit-tip ta' kumpens mitlub. Normalment id-deċiżjoni tittiegħed fi żmien ftit xhur.

Jekk ma nkunx sodisfatt(a) bid-deċiżjoni tal-awtorità, kif nista' nikkontestaha?

Jista' jiġi ppreżentat appell quddiem il-Qorti Amministrattiva Federali (*Bundesverwaltungsgericht*) kontra d-deċiżjoni tal-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali (l-appelli jistgħu jiġu ppreżentati quddiem il-Qorti Kostituzzjonali wkoll (*Verfassungsgerichtshof*) u l-Qorti Amministrattiva Suprema (*Verwaltungsgerichtshof*)).

Minn fejn nista' nikseb il-formoli neċessarji u informazzjoni oħra dwar kif għandi nippreżenta t-talba?

Ma għandekx bżonn timla formola ta' applikazzjoni biex tippreżenta talba. L-informazzjoni tiġi pprovduta mill-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali u tista' tinkiseb mis-sit web tiegħu (flimkien mal-formoli rilevanti).

Hemm linja telefonika għall-għajnuna jew sit web speċjali li nista' nuża?

[Sozial Ministerium - Sozialentschädigung](#) (Ministeru għall-Affarijiet Soċjali - Kumpens Soċjali)

[Sozial Ministerium - Verbrechensopfer](#) (Ministeru għall-Affarijiet Soċjali - Vittmi ta' reat)

Nista' ningħata għajnuna legali (għajnuna mingħand avukat) meta nkun qed inħejji t-talba?

Il-Ministeru għall-Affarijiet Soċjali jipprovdi informazzjoni legali. Dan ma jistax jipprovdi jew iħallas għal avukat.

Hemm xi organizzazzjonijiet li joffru appoġġ lill-vittmi li jistgħu jgħinuni nitlob kumpens?

Iva. pereż. Weisser Ring.

■ L-aħħar aġġornament: 19/08/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.